MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 182/2010

Chistopher **Lautier**

**(ID 509672M)**

**vs**

**Josef Galdez, Renato Vella u Jesmar Baldacchino bhala editur manigerjali ta' l-istazzjoni televizi 'Smash TV'**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresnetat fid 19 ta' Mejju 2010 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal rapurtagg televiziv illi kien sar fuq it-television Smash Television fid 29 ta' Marzu 2010 tal-loghba Sliema FC vs Qormi FC li taghha ir-rikorrent kien ir-referee, sahaq illi l-intimati ghalu kliem malafamanti u libelluzi fil-konfront tieghu, ghal liema kliem ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallsuh danni.

Rat ir-risposta ta' Josef Galdez ippresentata fis 26 ta' Ottubru 2010 fejn dana laqa ghal dak lilu imputat billi sahaq illi kellu jigi ppruvat illi ntqal diskors u li tali diskors kien malafamanti u li jwaqqa l-gieh u reputazzjoni tar-rikorrent. Sahaq ukoll illi bhala gurnalist l-azzjoni kontrih ma kienetx azzjonabbli taht il-Kap 248. Fuq il-meritu, imbghad, l-intimat sahaq illi, jekk sar xi kummenti, dawna kienu biss espressjoni ta' opinjoni li jitqiesu bhala fair comment bbazat fuq verita' dwar kwistjoni ta' interess sportiv li possibbilment jistghu jitqiesu bhala value judgment accettabbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija.

Rat illi l-intimat Renato Vella gie notifikat fil 15 ta' Novembru 2011u ma ppresenta ebda risposta.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2012, l-intimat Jesmar Baldacchino deher quddiem il-Qorti u ta ruhu notifikat bil-proceduri u ifs 17 ta' Mejju 2012 ippresenta l-eccezzjonijiet tieghu fejn, preliminarjament, sahaq illi kellu jigi ppruvat illi huwa kien id-direttur manegeriali ta' l-istazzjoni Smash TV u insista li kull kumment illi sar mill-kronista tal-partita kien jikkonsttwixxi 'fair comment'.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Christopher Lautier** u ta' **Alexander Arena** moghtija fis 17 ta' Settembru 2012 kif ukoll dokumentazzjoni ippresentata mill-istess Christopher Lautier.

Semghet ix-xhieda ta' Christopher Lautier moghtija fit 8 ta' Frar 2013 fejn esebixxa it-traskrizzjoni b'indikazzjoni dwar min qal il-kliem illi huwa hassu aggravat bihom.

Semghet ix-xhieda ta' **Jesmar Baldacchino** moghtija in subizzjoni fit 22 ta' Marzu 2013.

Rat illi fit 22 ta' Marzu 2013 il-Qorti appuntat espert legali sabiex jigi indikat minn fost l-itnimat qal il-kliem inkriminanti.

Rat illi fis 17 ta' Gunju 2013 giet iffissata seduta mil-Qorti sabiex il-partijiet jiltaqghu quddiem l-espert legali sabiex jinstema il-programm relattiv u jigi identifikat il-kelliema relattivi.

Rat in-nota ta' l-espert legali li infurmat il-Qorti illi ghamlet zewgt seduti sabiex jinstema ir-recording izda, filwaqt li deher ir-rikorrent darba minnhom, l-intimati qatt ma dehru.

Rat illi fit 12 ta' Lulju 2013, il-Qorti irrevokat l-inkariku lill-espert legali.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fit 13 ta' Jannar 2014, id-difensur ta' Josef Galdez irrinunzja il-patrocinju tieghu peress illi ma kienx qieghed jikkomunika mieghu.

Rat illi fit-13 ta' Jannar 2014, id-difensur ta' Renato Vella, fl-assenza ta' Vella, talab differiment sabiex iressaq il-provi fis-seduta li jmiss.

Rat illi fl-24 ta' Frar 2014, ebda mill-intimat ma dehru u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa

Rat in-nota imressaq mil-intimat Renato Vella fil 25 ta' Frar 2014 fejn, filwaqt li sahaq li ma deherx minhabba f'mard, indika illi ma kellu ebda provi x'jippresenta.

Rat il-programm televiziv mtella fid 29 ta' Marzu 2010 tal-loghba 'Sliema FC vs Qormi FC' fuq l-istazzjoni televiziv Smash TV u ikkumentata principalment minn Josef Galdez bl-assistenza ta' Renato Vella u semghet il-kummenntarju relattiv.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta ill r-rikorrent kien qieghed jidderigi l-loghba bhala referee li saret bejn PF Sliema u FC Qormi, f'liema partita it-Team tal-Qormi gheqlu lit-Team tas-Sliema ghal erbgha goals b'xejn. Dina l-partita giet trasmessa fis 27 ta' Marzu 2010 fuq Smash Television, u l-kummentarji ta' tali loghba kien qieghed isir principalment minn Josef Galdez assistit minn Renato Vella.

Jirrizulta illi sa l-ewwel taqsima tal-loghba, il-kummentarju ma kien qieghed jimplika xejn fil-konfront tar-rikorrent u t-terna arbitrali u, fl-ahhar ta' l-ewwel taqsima, meta il-loghba kienet gia bl-iscore ta' wiehed b'xejn ghal Qormi FC, ma kien hemm ebda kummenti negattivi fil-konfront tar-rikorrent.

Madanakollu, fit-tieni taqsima, is-sitwazzjoni ibidlet radikalment hekk kif it-tmexxija tal-loghba da parte ta' Galdez bdiet tigi kritikata. F'mument minnhom, ftit minuti fit-tieni taqsima, player ta' Qormi FC twaqqa fil-kaxxa l-kbira, pusizzjoni vicina hafna tal-linja delinjanti u, bhala rizultat ir-referee iddecieda illi kellu jkun hemm 'penalty'. L-intimat Galdez, madanakollu, ma kienx fi qbil mad-decizjoni ta' Lautier u ghadda sabiex jaghmel hafna kummenti fil-konfront tar-rikorrent, fosthom sejjah lir-rikrorent diversi drabi "*il-figolla tas-sena*".

Wara tali istanza, fil-kumplament tal-partita, l-intimat Galdez ma waqafx jikkummenta b'mod negattiv u dispreggjattiv it-tmexxija tal-arbitragg da' parte tar-rikorrent Lautier. Galdez huwa mismugh jghid "*ir-rigal ta' l-ghid jaghtih Chris Lautier*", "*zball papali ta' Chris Lautier*", "*Tal misthija it-tmexxija arbitrali ta' Chris Lautier*", "*impressjonanti, tal-misthija il-mod kif qed jigi arbitrata il-loghba*" u "*Tal-biza it-terna arbitrali*".

L-intimat Galdez ikompli ghaddej waqt il-kronaka tal-partita jghid "*Ir-referee prattikament jghaffigga u niehu r-responsabbilta' kollha tal-kummenti li qed nghid*", "*Pudina wahda wara l-ohra it-terna arbitrali kollha… u niehu r-responsabbilta' kolllha tal-kummenti li qed jaghmel*", "*Partita misruqa lis-Sliema*" filwaqt illi jishaq tul il-kummenti tieghu "*Nitkellem b'responsabbilta' … tal-misthija*".

L-intimat Renato Vella, f'mument minnhom jinstema jghid "*lanqas jekk jiskurja, ma jtihulhom.*"

L-intimat ikompli bil-kritika lejn r-rikorrent billi jghid "*Prosit Lautier haqqu gieh ir-repubblika … pudina wara l-ohra.*" u jghid ukoll "*il-kummiedja tal-gimgha bla dubju jikkummettiha Chris Lautier.*" Fl-ahhar tal-loghba, l-intimat Galdez jghid ripetutament "*Lautier jiehu Gieh ir-Repubblika*"

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tinnutax il-livell baxx u xejn professjonali dwar kif giet kkumentata il-loghba minn Josef Galdez illi, anke fl-ewwel taqsima tal-loghba, meta ma kienx beda l-attakk kontinwu lejn r-rikorrent, il-kummentarju tieghu kien vera fqir, jekk mhux ridikulu, u ma jaghmel ebda gieh lit-tnejn u ghoxrin player tal-football illi kienu qed jilghabu il-loghba taghhom.

Madanakollu, il-Qorti thoss illi, jkun opportun illi, ghalkemm ma tistax ma tinnutax il-livell fqir tal kummentar, hija ghandha tqis id-difiza imressqa minn Galdez u Baldacchino quddiem dina l-Qorti, stante illi Vella ghazel illi ma jippresenta ebda difiza.

Galdez iddefenda l-kummentar tieghu billi stqarr illi, bhala gurnalist, ma kienx azzjonabbli taht il-Ligi ta' l-Istampa u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt illi sahaq li, dwar il-kummenti, dawna kienu biss espressjoni ta' opinjoni li ghandu jitqies bhala fair comment u value judgment. Baldacchino, da parte tieghu, stqarr illi kellu jigi

ppruvat minn kien id-direttur manegerjali filwaqt illi insista li l-kummenti kienu fair comment.

Kif jinghad dwar in-natura ta’ kumment fil-ktieb **Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981:

> *A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. “A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing”. But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294).*

Fil-kawza **Brent Walker Group plc v Time Out Ltd** [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, il-bazi tal 'fair comment' giet kunsidrata minn Bingham LJ li dwarha qal is-segwenti:-

> “*The civil law of libel is primarily concerned to provide redress for those who are the subject of false and defamatory factual publications. Thus in the simplest case A will be entitled to relief against B if B publishes a defamatory factual statement concerning A which B cannot show to be true. The law is not primarily concerned to provide redress for those who are the subject of disparaging expressions of opinion, and freedom of opinion is (subject to necessary restrictions) a basic democratic right. It is, however, plain that certain statements which might on their face appear to be expressions of opinion (as where, for example, a person is described as untrustworthy, unprincipled, lascivious or cruel) contain within themselves defamatory suggestions of a factual nature. Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified.*”

Issa, fil kaz odjern, jidher car illi certi decizjonijiet illi ha ir-rikorrent waqt il-loghba setghu qajjmu kontroversja, peress illi, fost affarjiet ohra, wasslu ghal oghti ta’ penalty, f’kaz minnhom, u tkeccija tac-coach ta’ Tas-Sliema f’kaz iehor. Tali decizjonijet certament setghu iwasslu ghal kummenti u mistoqsijiet dwar id-decizjoni. Di fatti, Renato Vella, li ma kienx qieghed jaqbel mat-tmexxija tal-loghba fit-tieni taqsima, wera d-disappunt tieghu diversi drabi u, f’mument minnhom, instema jghid li anke jekk jiskurjaw is-Sliema, b’xi mod ihassarulhom il-goal Lautier. Tali kummenti, ghalkemm certament mhux f’lokhom, peress illi jimputaw reputazzjoni negattiva tar-rikorrent, certament ma humiex daqstant effettivi u malafamanti daqs il-kliem kollha illi l-intimat Galdez imputa lejn r-rikorrent tul il-kummentarju tieghu.

Di fatti, Galdez, f’diversi okkazzjonijiet, jinstema jiddeskrivi lill Lautier bhala “il-figolla tas-sena” kif ukoll illi ikkommetta “pudina wahda wara l-ohra”. B’mod l-aktar dispreggjattiv, l-intimat Galdez jghaddi biex jghid b’mod ironiku u sarkastiku, illi lir-rikrorent haqqu “Gieh ir-Repubblika” u jiddefinixxi l-arbitragg tar-rikorrent bhala “il-kummedja tal-gimgha.”

Din il-Qorti ma hijiex ser tidhol fil-meritu jekk tali kummenti kienu, minnhom inniffishom gustifikati in vista ta’ decizjonijet mehudha mir-rikorrent, peress illi dana ma hjwiex il-forum

idoneju sabiex decizjoni arbitrali jigu diskussi - dawna ghandhom isiru fi fora sportivi u ma ingiebet ebda prova illi t-tmexxija tar-rikorrent kienet b'xi mod soggetta ghal xi ilment jew investiazzjoni.

Din il-Qorti, madanakollu ser tikkunsidra il-kummenti illi l-intimat Galdez ghamel fil-konfront tar-rikorrent, u partikolarment meta jghajru "il-figolla tas-sena", liema akkuzi huma ta' natura personali fil-konfront direttament tar-rikorrent u certament ma jistghu ma jitqiesux bhala malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tinnutax, illi kullhadd ghandu d-dritt illi ma jaqbilx ma decizjonijiet mehudha, u kullhadd ghandu id-dritt anke jindika li t-tmexxija kienet tal-misthija, b'liema fatt dina il-Qorti ma hijiex qieghda tiggudika jekk ir-rikorrent mexxiex ill-ghba korrettement jew le, peress illi ka ma hija l-forum idoneju u lanqas ma hija kompetenti sabiex taghmel tali kummenti.

Madanakollu, il-Qorti tinnota illi l-fatt illi l-intimat Galdez ghazel, ripetutament, illi jimputa lir-rikorrent deskrizzjoni personali ta "il-figolla tas-sena", dana certament jmur ferm oltre kull tip ta' kummentarju accettabbli fis-socjeta demokratika taghna, u apparti li juri bic-car il-mod totalment fqir u inkompetenti illi biha issir il-kronaka tal-partita da' parte ta' l-intimat Galdez, huwa kumment dispreggjattiv u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, liema kumment dina l-Qorti ma tistax ma tikkundannax.

Kif stqarret il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Delphi AS vs Estonia** deciza fl 10 ta' Ottubru 2013,

> *When examining whether there is a need for an interference with freedom of expression in a democratic society in the interests of the "protection of the reputation or rights of others", the Court may be required to ascertain whether the domestic authorities have struck a fair balance when protecting two values guaranteed by the Convention which may come into conflict with each other in certain cases, namely on the one hand freedom of expression protected by Article 10, and on the other the right to respect for private life enshrined in Article 8 (see Hachette Filipacchi Associés v. France, no. 71111/01, § 43, 14 June 2007; MGN Limited v. the United Kingdom, no. 39401/04, § 142, 18 January 2011; and Axel Springer AG, cited above, § 84).*
>
> ...
>
> *The Court reiterates that the right to protection of reputation is a right which is protected by Article 8 of the Convention as part of the right to respect for private life (see Chauvy and Others, cited above, § 70; Pfeifer v. Austria, no. 12556/03, § 35, 15 November 2007; and Polanco Torres and Movilla Polanco v. Spain, no. 34147/06, § 40, 21 September 2010). In order for Article 8 to come into play, however, an attack on a person's reputation must attain a certain level of seriousness and be made in a manner causing prejudice to personal enjoyment of the right to respect for private life (see A. v. Norway, no. 28070/06, § 64, 9 April 2009, and Axel Springer AG v. Germany [GC], no. 39954/08, § 83, 7 February 2012).*

Il-kummenti ta’ l-intimat Galdez fil-konfront tar-rikorrent huma tali illi jattakaw b’mod serju ir-reputazzjoni tar-rikorrent u jpogguh fir-redikolu mal-komunita’ sportiva kollha bir-rizultat illi r-rispett ghal hajja privata tieghu giet leza, kif fuq spjegat.

**Ikkunsidrat**

Ikkunsidrat il-posizzjoni ta’ l-intimat Galdez, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra il-posizzjoni ta’ l-intimati l-ohra Baldacchino u Vella.

Dwar ir-responsabbilta’ ta’ l-intimat Jesmar Baldacchino, jirrizulta mix-xhieda ta’ l-istess Baldacchino, illi fil-mument li ttella l-programm, huwa kien il-Head of News ta’ l-istazzjoni televiziv Smash TV, u allura l-editur taghha. Huwa stqarr ukoll illi huwa kien il-persuna li ha hsieb li ghamel ir-recording tal-programm.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tista tifhem kif l-intimat Baldacchino jista b’xi mod jghid illi ma setghetx titmexxa azzjoni kontra tieghu, peress illi, a tenur ta’ l-artikolu 23 tal-Kap 248, azzjoni hija possibbli kontra, fost nies ohra, l-editur kif ukoll il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Jesmar Baldacchino kien, kemm l-editur ta’ l-istazzjoni, kif ukoll il-persuna responsabbli li irrecordja il-programm.

Il-Qorti ma’ tistax ma tinnutax illi r-responsabblita’ tal-malafama illi l-intimat Galdez ghandu fil-konfront tar-rikorrent ghandha titqies ta’ l-istess portata tar-responsabbilta’ ta’ l-intimat Baldacchino, peress illi BAldacchino, bhala il-persuna li kien qed jiehu hsieb ir-recording tal-programm, kien qieghed jisma il-kliem dispreggjattiv illi l-intimat Galdez kien qieghed jghid ripetutament fil-konfront tar-rikorrent u ma ghamel ebda tentativ sabiex iwaqqaf lill-intimat Galdez milli b’xi mod, inaqqas it-ton dispreggjattiv lejn ir-rikorrent jew inehhi l-kliem li kien qieghed juza. Tali nuqqas, ghalhekk, iqieghed lill-Baldacchino fl-istess livell ta’ responsabbilta’ ta’ Galdez.

Dwar ir-responsabbilta’ ta’ Renato Vella, il-Qorti tqis illi, filwaqt illi l-kliem li ntuzaw fil-konfront tar-rikorrent setghu, f’xi mumenti, jitqiesu bhala dispreggjattivi fil-konfront tar-rikorrent, dawna, madanakollu, jistqghu jitqiesu bhala kummentarju gust peress illi kienu biss kummenti ta’ Vella dwar l-arbitragg tar-rikorrent u bl-ebda mod ma attakka l-integrita’ personali u l-persuna tar-rikorrent, a differena ta’ l-intimat Galdez illi, tul il-kummentarju tat-tieni taqsima, il-hin kollu kien qieghed jghaddi kummenti dispreggjattivi u personali fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk, l-intimat Renato Vella ma jistax jitqies illi ghamel xi kummenti malafamanti fil konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi qieset il-provi kollha tal-kaz u semghet it-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrent.

Wara illi semghet id-disghin minuta tal-programm meritu tal-kawza odjerna li ttella fid-29 ta’ Marzu 2010 fuq Smash Television u li kien kummentarju tal-loghba ‘Sliema FC vs Qormi FC’ ikkummentata pricnipalment mil-intimat Josef Galdez bl-assistenza ta’ Renato Vella.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tiddikjara** illi l-kliem li ntqalu minn Renato Vella ma ghandhomx jiqtiesu bhala malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tiddikjara** il-kliem li ntqalu minn Josef Galdez fil-konfront tar-rikorrenti, partikolarment il-kliem “il-figolla tas-sena” indirizzati lir-rikorrent, huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

**Tiddikjara** illi Josef Galdez u Jesmar Baldacchino, bhala l-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni tal-programm, huma lkoll resposabbli, f’mod ugwali, tali immalafamaw u libellaw lir-rikorrenti bil-kliem u l-allegazzjonijiet li intqalu fil-konfront tar-rikorrent, u ghalhekk

A tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 248, il-Qorti qieghda tikkundanna lill Josef Galdez u Jesmar Baldacchino, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lir-rikorrent Christopher Lautier, in liena ta’ danni ghal malafama, is-somma ta’ tlett elef Euro (€3,000).

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha tar-rikorrenti Christopher Lautier u ta’ l-intimat Renato Vella kontra l-itnimati Josef Galdez u Jesmar Baldacchino in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------